DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Rotta 2

**IT- TIENI SENA** **STORJA** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ____________

**1. Qabbel billi tikteb in-numri minn 2 sa 11 fil-kolonna vojta tan-nofs.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | Castrum Maris | | Raħal fil-Medjuevu |
| **2** | Palazzo Falzon | | Knisja ta' San Girgor |
| **3** | Imdina | | Għaqdiet tal-ħaddiema |
| **4** | Ħal Mann | | Limiti ta' Ħad-Dingli |
| **5** | Kappella f'Ħal Millieri | | Attakk tal-furbani |
| **6** | Fiż-Żejtun | | Dar Normanna |
| **7** | Għar il-Kbir | | Marda qerrieda |
| **8** | fratellanzi | | Affreski mal-ħitan |
| **9** | patrijiet | **1** | Forti Sant'Anġlu |
| **10** | 1429 | | Bidu tal-edukazzjoni |
| **11** | Il-pesta | | Toroq imserrpa |

**(Total: 10 marki)**

**2. Ikteb jekk hux VERU jew FALZ.**

2.1 Federiku II kien magħruf għall-għerf tiegħu. ______________________

2.2 Ċensiment huwa ġabra ta' firem. ______________________

2.3 Gilbertu għamel ċensiment fi żmien Federiku II. ______________________

2.4 Fi żmien in-Normanni f'Malta kien hawn iżjed Musulmani milli Nsara. ____________

2.5 Il-Konti Ruġġieru ftiehem mal-Għarab ta' Malta. ______________________

2.6 Il-Konti Ruġġieru kien Lhudi. ______________________

2.7 Il-Konti Ruġġieru kien miżżewweġ mara Għarbija. ______________________

2.8 Il-Vikingi kienu jibżgħu minn kulmin jattakkahom. ______________________

2.9 Il-Vikingi kienu jgħixu fl-Iskandinavja. ______________________

2.10 Il-Vikingi kienu Nsara tajbin. ______________________

**(Total: 10 marki)**

**3. Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

*Leġġenda sabiħa minn żmien il-Medjuevu hi dik magħrufa bħala 'Tal-ħobż u l-ġbejniet'. Jingħad li l-furbani kienu qegħdin jassedjaw lill-Imdina. Il-Maltin kien għoddu spiċċalhom l-ikel. Biex jinkuhom, il-Misilmin bagħtulhom karettun mimli ħobż. Meta raw hekk il-Maltin bagħtulhom lura l-karettun bil-ħobż u bil-ġbejniet magħhom. Il-Maltin żammu sod u l-furbani kellhom jitilqu lura minfejn ġew.*

3.1 X'tifhem bil-kelma 'assedju'?

____________________________________________________________ (2)

3.2 Xi tfisser il-kelma 'furban'?

____________________________________________________________ (1)

3.3 Għaliex il-Maltin kienu magħluqin fl-Imdina?

____________________________________________________________ (2)

3.4 Għaliex taħseb li l-furbani bagħtu l-ħobż lill-Maltin matul dak l-assedju?

____________________________________________________________ (2)

3.5 X'messaġġ riedu jwasslu l-Maltin meta bagħtulhom lura l-ħobż bil-ġbejniet?

____________________________________________________________ (2)

3.6. Biex jiddefendu ruħhom fil-Medjuevu l-Maltin għamlu
(l-armata, id-dejma, l-wegħdi). (1)

**(Total: 10 marki)**

**4. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



Dan is-sid fewdali sejjer għal xi waħda mill-ġlidiet tiegħu.

4.1 L-art li s-sultan kien jagħti lill-ħbieb tissejjaħ (fewdu, qasam, raba'). (1)

4.2 Il-fewdaliżmu kienet (sport tal-Medjuevu, sistema ta' tmexxija, opra ta' arti). (1)

4.3 Is-sid fewdatarju kien (jintaxxa lin-nies, jirrefja l-logħob, jivvinta l-mediċini). (1)

4.4 Il-Kruċjati kienu ġlied kontra (l-Lhud, l-Misilmin, n-Normanni). (1)

4.5 Xi tfisser il-kelma pellegrin?

______________________________________________________________________(2)

4.6 Għaliex ngħidu li, fil-Medjuevu, il-ħajja kienet qisha piramida?

______________________________________________________________________ (2)

4.7 Is-sid fewdatarju kien joqgħod għarkupptejh jieħu ġurament quddiem is-sultan. Għaliex kien jagħmel hekk?

______________________________________________________________________ (2)

**(Total: 10 marki)**

**5. Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

*L-Imperatur Biżantin talab lill-Papa Urbanu II biex jgħinu kontra s-sultan Tork Seldjuk li kien qiegħed dejjem javvanza mil-Lvant. Il-papa sejjaħ lill-Insara kollha biex jingħaqdu ħalli jeħduha kontra t-Torok. B'hekk bdew il-Kruċjati. L-għan aħħari tagħhom kien li tintrebaħ l-Art Imqaddsa u Ġerusalemm tkun taħt idejn l-Insara.*

5.1 Għaliex il-Palestina ngħidulha l-Art Imqaddsa?

______________________________________________________________________ (2)

5.2 Għaliex l-Imperatur Biżantin talab l-għajnuna tal-Papa?

______________________________________________________________________ (2)

5.3 Ġerusalemm intrebħet mill-Insara imma imbagħad reġa' rebaħha lura (Saladin, Seldjuk, Salamun). (1)

5.4 Ġerusalemm intrebħet mill-Insara (fl-ewwel, fil-ħames, fis-sitt) kruċjata. (1)

5.5 Matul il-Kruċjati ħadu sehem il-Kavallieri ta' San Ġwann. Semmi żewġ affarijiet li kienu jagħmlu.

______________________________________________________________________ (2)

5.6 Is-simbolu tat-Torok hu (ajkla, balena, nofs qamar). (1)

5.7 X'kien is-simbolu tal-Insara?

______________________________________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

**6. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.**



L-istampa turi lil Leonardo da Vinci li kien wieħed mill-personaġġi importanti tar-Rinaxximent.

6.1. Ir-Rinaxximent beda (fil-Belġju, fir-Russja, fl-Italja). (1)

6.2. Xi tfisser il-kelma 'Rinaxximent'?

____________________________________________

____________________________________________

(2)

6.3 Barra minn Leonardo da Vinci, semmi tliet personaġġi tar-Rinaxximent.

________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3)

6.4 L-artisti tar-Rinaxximent baqgħu magħrufin għas-sbuħija ta' xogħlijiethom. Semmi xi opra ta' arti magħrufa ta' dak iż-żmien.

______________________________________________________________ (1)

6.5 Fir-Rinaxximent kien hemm ħafna esploraturi. X'tifhem bil-kelma 'esploraturi'?

______________________________________________________________ (2)

6.6 Qabbel il-post mal-esploratur

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Amerigo Vespucci | | ra l-Oċejan Paċifiku |
| 2 | Vasco da Gama | | Il-Messiku |
| 3 | Ernando Cortes | | L-Amerika |
| 4 | Vasco de Balboa | | Il-Perù |
| 5 | Francesco Pizarro | | baħħar madwar l-Afrika |
| 6 | Bartolomeo Diaz | | mar l-Indja |

(marka 1 x 6 = 6 marki)

6.7 Għal-liema invenzjoni jibqa' magħruf Gutenberg?

______________________________________________________________ (2)

6.8 X'effett kellha din l-invenzjoni fuq il-ħajja tal-bnedmin?

______________________________________________________________ (2)

6.9 Neriku n-Navigatur kien (Spanjol, Taljan, Portugiż). (1)

**(Total: 20 marka)**

**7. Wieġeb il-mistoqsijiet.**

7.1 Qabel ġew Malta, il-Kavallieri kienu fil-gżira ta' (Ċipru, Korsika, Rodi). (1)

7.2 L-imperatur (Neriku VI, Karlu V, Ruġġieru II) ta l-Gżejjer Maltin lill-Kavallieri. (1)

7.3 Meta ġew Malta, il-Kavallieri marru jgħixu (fiċ-Ċittadella, fil-Birgu, fl-Imdina). (1)

7.4 Dragut attakka lil Malta fl-(1551, 1555, 1155). (1)

7.5 Semmi t-tliet fortizzi li kienu jeżistu fil-Port il-Kbir qabel l-Assedju l-Kbir.

________________________ ________________________ ______________________ (3)

7.6 Kif kienet tissejjaħ l-għolja fejn kellha tinbena l-belt Valletta?

______________________________________________________________________ (1)

7.7. L-Assedju l-Kbir ġie miġġieled (fis-sajf, fix-xitwa, fil-ħarifa). (1)

7.8. X'kien jismu l-Gran Mastru li mexxa l-Kavallieri u l-Maltin fi żmien l-Assedju?

___________________________________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

**8. Agħżel TNEJN u ikteb paragrafu ta' madwar 10 sentenzi fuq kull wieħed minnhom.**

8.1 L-Assedju l-Kbir.
8.2 Malta taħt in-Normanni.
8.3 It-tmexxija ta' Malta fi Żmien l-Aragoniżi.
8.4 Ix-xogħlijiet tal-Maltin fi żmien il-Medjuevu.
8.5 Ir-Rinaxximent.
8.6 Il-Fewdaliżmu fl-Ewropa.

**(10 Marki x 2 = 20 marka)**

**TMIEM IL-KARTA**